31998R0843

L 120/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.4.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 843/98

tat-22 ta'April 1998

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/97 fir-rigward tat-tqassim taż-żoni bejn l-Istati Membri ta' żoni taħt siġar tat-tuffieħ, siġar tal-lanġas, siġar tal-ħawħ u siġar tan-nuċiprisk li għalihom jistgħu jingħataw premiums għat-tindif mill-għeruq

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/97 tat-30 ta' Ottubru 1997 dwar it-titjib fil-produzzjoni tal-Komunità tat-tuffieħ, lanġas, ħawħ u nuċiprisk [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tiegħu,

Billi l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/97 jaqsam bejn l-Istati Membri iż-żona li fir-rigward tagħha jistgħu jingħataw *premiums* għat-tindif mill-għeruq li għalihom jipprovdi l-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament; billi l-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-limitu u l-proċedura li tapplika għall-emendi għal dak it-tqassim;

Billi, skond l-informazzjoni li l-Kummissjoni rċeviet sa l-1 ta'April 1998, l-applikazzjonijiet għall-*premiums* tat-tindif mill-għeruq f'ċerti Istati Membri jkopru żoni iżgħar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament imsemmi hawn fuq; billi t-total taż-żoni li għadhom disponibbli jammonta għal 630 ettaru fil-każ tas-siġar tat-tuffieħ u tal-lanġas u 1 264 ettaru fil-każ tas-siġar tal-ħawħ u tan-nuċiprisk; billi dawk iż-żoni għandhom ikunu allokati lill-Istati Membri fejn iż-żoni koperti bl-applikazzjonijiet jeċċedu dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament imsemmi hawn fuq, u, bħala prijorità, lil dawk l-Istati Membri fejn l-irtirar jippreżenta l-ogħla perċentwali ta' produzzjoni; billi, iżda, t-trasferimenti m'għandhomx jinvolvu żoni ta' anqas minn, bejn wieħed u ieħor, 50 ettaru;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/97 hija b'dan sostitwita b'dan li ġej.

Stati Membri	Tuffieħ u lanġas (ha)	Ħawħ u nuċiprisk (ha)
"Il-Belġju	118	—
Il-Ġermanja	894	3
Id-Danimarka	—	—
Il-Greċja	599	2 780
Spanja	1 412	2 564
Franza	3 181	1 414
L-Irlanda	—	—
L-Italja	2 389	2 994
Il-Lussemburgu	—	—
L-Olanda	593	—
L-Awstrija	139	19
Il-Portugall	325	226
Il-Finlandja	5	—
L-Isvezja	40	—
Ir-Renju Unit	305	—"

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kominitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta'April 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 303, tas-6.11.1997, p. 3.